MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 1730/1999/1

**Mirage Holdings Limited**

**Vs**

**Joseph Galea u martu Margaret Galea**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' tlett mija u tmienja u erbghin lira (Lm348) Maltin minhom lilha dovuta in kwantu ghas-somma ta' tlett mija tnejn u tletin lira (Lm332) Maltin bhala import ta' ghaxar kambjali debitament accettati u li d-data tal-maturita' taghhom skadiet, annessa u mmarkati Dokumenti 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9 u 10 u in kwantu ghas-somma ta' sittax-il lira Maltin (Lm16) bhala imghaxijiet legali dovuti sad-data tal-avviz fuq l-istess kambjali.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-avviz sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat il-kambjalijiet annessi mal-atti minn fol 2 sa fol 11 kif ukoll l-atti kollha tal-kawza.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment u skond il-ligi, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fl-4 ta' Mejju 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma globali ta' Lm348.00,0 bl-imghax legali mit-23 ta' Novembru 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------